V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9724 — Generali/UIR/Zaragoza)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 63/03)

1. Fit-18 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Generali Shopping Centre Fund S.C.S. SICAV-SIF ("GSCF", il-Lussemburgu), li tappartjeni għall-grupp Assicurazioni Generali S.p.A. ("Generali", l-Italja),

— Union Investment Real Estate GmbH ("UIR", il-Ġermanja), li tappartjeni għall-grupp DZ Bank AG ("DZ Bank", il-Ġermanja),

— Zaragoza Properties SOCIMI, S.A. ("Zaragoza", Spanja).

GSCF u UIR jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Zaragoza kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— GSCF: fond ta' investiment stabbilit fl-2019, b'enfasi speċifika fuq l-investiment u l-ġestjoni ta' ċentri kummerċjali fis-settur tal-ħwienet fl-Ewropa kontinentali. Huwa jappartjeni għal Generali, grupp internazzjonali ta' kumpaniji attiv fis-settur tal-assikurazzjoni u dak finanzjarju,

— UIR: ditta tal-investiment fil-proprjetà immobbli, speċjalizzata fil-fondi tal-proprjetà immobbli għal investituri privati u istituzzjonali fl-Ewropa, l-Amerki, l-Asja u l-Awstralja. UIR hija sussidjarja tal-Union Asset Management Holding AG (il-Ġermanja), li hija l-fergħa tal-investment u sussidjarja tad-DZ Bank,

— Zaragoza: attivitajiet tal-proprjetà immobbli, b'mod partikolari, is-sjieda, il-ġestjoni u l-kiri taċ-ċentru kummerċjali u l-park tal-ħwienet ta' Puerto Venecia li jinsabu f'Zaragoza, Aragona, Spanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9724 — Generali/UIR/Zaragoza

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË